**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**SEDUTA DISTRETT SLIEMA**

Illum, 9 ta' April 2025

Każ Numru: 3401/2025

**IL-PULIZIJA**
**vs**
**Renato Alessandro Farrugia**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 295445M)

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, Renato Alessandro Farrugia, imwieled fit-28 ta' Marzu 1945, bin Anthony Farrugia u Giorgia nee' Aguis, residenti Kappara Heights Blk B2, Fl. 6, Sqaq Zbibu, San Gwann, u detentur tal-karta tal-identità bin numru 295445M, akkużat talli fit-13 ta' Jannar, 2025 għal-ħabta tal-23.20hrs ġewwa Triq ix-Xatt, Sliema:

*1. Bħala persuna reġistrat bħala operatur tal-istabbiliment bl-isem Black Bull Restaurant li jinsab fi Triq ix-Xatt, Sliema, ippermettejt lill Suzana Josifou taghmilha ta' sostitut tiegħek mingħajr liċenzja mill-Awtorità Regolatorja. Reg 21 L.S. 10.09.*

Rat illi waqt is-seduta tal-lum 9 ta' April 2025, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq, filwaqt li d-difiża ddikjarat li m'għandiex provi xi tressaq.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

Rat li l-prosekuzzjoni irrimettiet ruħha għal-atti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi dan il-każ huwa fir-rigward ta' spezzjoni li saret mill-pulizija ġewwa l-istabbiliment The Black Bull, fejn hemmhekk il-pulizija tkellmet mal-manager Suzana Josifou peress li kien qed jiġi servut l-alkoħol mingħajr ma kien hemm preżenti sostitut.

**B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

**1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid

tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

*1.* **L- Imputazzjoni:** "akkużat talli fit-13 ta' Jannar, 2025 għal-ħabta tal-23.20hrs ġewwa Triq ix-Xatt, Sliema: *1. Bħala persuna reġistrat bħala operatur tal-istabbiliment bl-isem Black Bull Restaurant li jinsab fi Triq ix-Xatt, Sliema, ippermettejt lill Suzana Josifou taghmilha ta' sostitut tiegħek mingħajr liċenzja mill-Awtorità Regolatorja. Reg 21 L.S. 10.09.*

Id-difiża ssostni li din l-akkuża ma għandiex tirriżulta abbażi tal-fatt li l-imputat ġie akkużat bħala operatur meta mill-provi tal-prosekuzzjoni jirriżulta li huwa mhuwiex l-operatur iżda il-persuna liċenzjata u l-operatur hija persuna oħra, ċerta Charles Borg.

Ikkunsidrat illi l-prosekuzzjoni ressqet bħala provi f'din il-kawża l-affidavit tas-surġent tal-pulizija bin-numru 1015 fejn jirriżulta li waqt spezzjoni li saret fl-imsemmi stabbiliment kien hemm preżenti Suzana Josifou li kienet wara l-bar, u kien qed jiġi servut l-alkoħol.
Il-prosekuzzjoni ipproduċiet ukoll bħala xhud lill- Suzana Josifou li kkonfermat li fid-data tal-akkuża hija kienet xogħol fl-imsemmi stabbiliment u kienu kellmuha l-pulizija.

Il-prosekuzzjoni ġabet ukoll affidavit ta' Rappreżentant tal-Awtorita' għat-Turiżmu bħala prova li l-imputat  huwa l-persuna liċenzjata għal-istabbiliment in kwistjoni, u li Suzana

Josifou li kienet wara l-bar filwaqt li l-istabbiliment kien miftuħ ma kinitx imniżżla bħala sostitut fil-liċenzja preżentata permezz ta' l-imsemmi affidavit mill-Awtorità għat-Turiżmu.

L-akkuża li jinsab mixli biha l-imputat hija bbażata fuq ir-regolament 21 tal-Liġi Sussidjarja 10.09 li jgħid hekk:

*"21. Ebda persuna bil-liċenza ma tista' timpjega persuna oħra biex tagħmel flokha jew bħala rappreżentanti tagħha mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija."*

Il-Qorti ikkunsidrat li il-projbizzjoni imposta bir-regolament imsemmi u li fuqu hija bbażata l-imputazzjoni li biha jinsab mixli l-imputat, hija waħda li tapplika għal kull persuna. L-abbli avukat difensur iqajjem bħala difiża il-fatt li l-imputat ġie mixli fil-kapaċità tiegħu ta' operatur meta mid-dokumenti ppreżentati permezz ta' affidavit minn rappreżentant ta' l-Awtorità għat-Turiżmu joħroġ li imputat mhuwiex operatur iżda għandu f'ismu il-liċenzja tal-istabbiliment.

Din il-Qorti tqis li kemm persuna li tkun qed tagħmilha ta' operatur, kif ukoll persuna li f'isimha hija maħruġa liċenzja jaqaw fil-parametri ta' dan ir-regolament 21 peress li l-Liġi ssemmi *"Ebda persuna..."*. Il-fatt li l-prosekuzzjoni indikat erronjament li l-persuna akkużata kienet l-operatur, meta fil-verità din kienet il-persuna li f'isimha inħarġet il-liċenzja tal-istabbiliment ma jwassalx għal konklużjoni li l-akkużat m'huwiex persuna li l-liġi fl-imsemmi regolament 21 tobbliga li ma jimpjegax persuna oħra biex tagħmilha ta' sostitut mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-fatt li l-imputat huwa persuna liċenzjata jirriżulta ampjament ippruvat mill-affidavit tal-Awtorita' tat-Turiżmu.

Għaldaqstant mil-provi prodotti jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ppruvat din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mil-liġi penali u se tkun qed issib lill-imputat ħati dwarha.

## C. **Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat ir-Regolament 21 tal-Liġi Sussidjarja 10.09, ssib lill-imputat Renato Alessandro Farrugia, detentur tal-karta tal-identità bin numru 295445M

ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal-ammenda ta' ħamsin ewro (€50).

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**